# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 313/2019**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Joseph Piscopo**

Illum 25 ta' Lulju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Joseph Piscopo**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 347081(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli nhar il-21 ta' Awwissu 2016 għall-ħabta tas-18.00hrs ġewwa Triq ix-Xatt, Pieta':

1. waqt li kien qed isuq vettura tal-għamla BMW bin-numru tar-reġistrazzjoni EBS 102, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġuna l-mewt ta' Salvatore Attard mill-Pieta';

2. saq vettura ta' għamla BMW b'numru ta' reġistrazzjoni EBS 102 b'manjiera bla kont, b'manjiera traskurata u perikoluża.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, tinfliġġi l-piena stabbilita skont il-liġi u tordna l-iskwalifika ta' kull liċenzja tas-sewqan fil-konfront tal-imputat għal dak il-perjodu ta' żmien li l-Qorti kien jidhrilha xieraq.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex, barra milli tapplika l-piena stabbilita bil-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-11 ta' Novembru 2019, fejn il-Qorti, wara li rat Artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet dedotti kontrih u kkundannatu sitt xhur priġunerija u b'applikazzjoni ta' Artikolu 30 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta skwalifikatu minn kull liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' ħames (5) snin. In oltre, b'applikazzjoni ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Ewwel Qorti kkundannat lill-imputat iħallas lir-Reġistratur tal-Qorti s-somma ta' elfejn u erba' Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2004.37) rappreżentanti l-ispejjeż inkorsi in konnessjoni mal-ħatra ta' esperti.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fit-22 ta' Novembru 2019 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"tirriforma, tvarja u tibdel is-sentenza appellata u dan billi tħassar u tirrevoka l-parti tas-sentenza li fiha l-esponent instab ħati tal-ewwel u tat-tieni akkuża dedotti kontrih u kkundannatu sitt xhur priġunerija u b'applikazzjoni ta' Artikolu 30 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta skwalifikatu minn kull liċenzja tas-sewqan għal ħames (5) snin. In oltre, b'applikazzjoni ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 ikkundannat l-esponent sabiex iħallas lir-Reġistratur ta' din il-Qorti s-somma ta' elfejn u erba' Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2004.37) rappreżentanti l-ispejjeż rinkorsi in konnessjoni mal-ħatra ta' esperti u konsegwentement tilliberah minn kull ħtija u piena jew, alternattivament, tvarjaha in kwantu tikkonċerna l-piena."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tal-20 ta' Ġunju 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi dan hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fil-11 ta' Novembru 2019. Dan il-każ jirrigwarda inċident stradali li seħħ fil-21 ta' Awwissu 2016 għall-ħabta tas-6.00pm fi Triq ix-Xatt, Pieta' meta vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni EBS 102 misjuqa mill-appellant allura imputat tajret lil Salvatore Attard anzjan ta' disgħa u sebgħin sena li tilef ħajtu bħala konsegwenza fit-23 ta' Awwissu 2016.

Illi fl-atti proċesswali jirriżultaw, fost l-oħrajn, is-segwenti:

- Dwar l-inċident tat-traffiku in kwistjoni nfetħet Inkjesta Maġisterjali fejn il-Maġistrat Inkwirenti appunta diversi esperti sabiex jassistuh. Mill-*Proces Verbal* (*a fol.* 16 *et seq.*) jirriżulta li l-Espert Forensiku Dr. Mario Scerri (*a fol* 70 *et seq.*) ikkonkluda li l-mewt ta' Salvatore Attard kienet relatata mal-inċident in kwistjoni. L-istess konklużjoni saret mill-esperti li nħatru biex jagħmlu l-awtopsja (*a fol.* 90 *et seq.*).

- Illi fl-Inkjesta Maġisterjali ġie appuntat Mario Buttigieg bħala Espert Tekniku li sema x-xhieda tal-appellant Joseph Piscopo (wara li ngħata t-twissija dwar id-drittijiet tiegħu), Leon Caruana u Stephen Raymond Cooke.

- Illi meta xehed fl-Inkjesta Maġisterjali wara li ngħata d-drittijiet tiegħu skont il-liġi, l-appellant **Joseph Piscopo** (*a fol.* 109 *et seq.*) qal li kien qed isuq b'veloċita' normali (bejn 40 u 50 km.f.s.) fi triq li jgħaddi minnha kważi għoxrin darba fil-ġimgħa. Jgħid li dak il-ħin kellu x-xemx f'għajnejh u jgħid li ra lill-vittma jaqsam bejn is-siġar u l-ħadid minn naħa tax-xellug tiegħu. Jgħid li rah jimxi meta l-vittma kien fuq il-bankina u niżel għal ġot-triq. Jispjega li d-dawl għalih (għal Piscopo) kien aħdar u allura kien il-vittma li ried jieqaf.

- Illi **Leon Caruana** (*a fol.* 110 *et seq.*) xehed li kien passiġġier fil-vettura misjuqa mill-appellant. Huwa qal li meta waslu ħdejn il-*pedestrian crossing*, Piscopo kien qed isuq fuq il-karreġġjata ta' barra. Jgħid li ftakar biss il-ħabta u li lir-raġel ma kien rah ġej minn imkien. Jixhed li kien sema' ħoss qawwi u ra xi ħaġa ġejja fid-direzzjoni tiegħu għal *windscreen* u xi ħaġa titgerbeb mal-art.

- Illi **Stephen Raymond Cooke** (*a fol.* 111 *et seq.*) xehed li kien nieżel mill-Ħamrun għall-Imsida bil-familja tiegħu. Jgħid li kif niżlu n-niżla, ra raġel xiħ miexi fit-triq u mhux fuq il-*pedestrian crossing* madwar erba' jew ħames piedi bogħod mill-*pedestrian crossing*. Jgħid li kien miexi bil-mod u li skont hu kien ra l-vettura ġejja. Jixhed li pprova jħaffef il-pass u ħareġ idejh meta l-vettura avviċinatu. Jgħid li mbagħad intlaqat mill-vettura u jispjega li x-xemx kienet nieżla u li fejn kien qed isuq is-sewwieq hemm *blind spot* u li għalhekk skont hu is-sewwieq ma setax jara lill-*pedestrian* jaqsam. Jgħid li l-*pedestrian lights* kienu ħodor għas-sewwieq waqt li kienu ħomor għall-*pedestrian*.

- Illi l-Maġistrat Inkwirenti għamel tiegħu l-konklużjonijiet tal-Espert Tekniku Mario Buttigieg u ordna li jittieħdu passi kriminali kontra l-appellant Joseph Piscopo minħabba l-akkadut.

  In fatti fil-*Proces Verbal* hemm imniżżel hekk (*a fol.* 22): *"Illi hija l-opinjoni umli ta' Mario Buttigieg illi Piscopo naqas billi huwa kellu l-obbligu li jħares u jadopera iktar kawtela fis-sewqan tiegħu speċjalment meta hu kien qed isuq u kien hemm pedestrians fit-triq, wisq u iktar meta kien viċin pedestrian crossing. Dan ifisser illi Piscopo ma kellux a proper lookout tat-triq li kien qed isuq fiha. Illi hija għaldaqstant l-opinjoni umli ta' Mario Buttigieg illi hemm biżżejjed elementi prima facie sabiex jittieħdu passi kriminali kontra Joseph Piscopo u dan għar-raġunijiet suesposti."*

  Illi għandu jingħad ukoll li fir-rapport tiegħu (Dok. "MBX" – *a fol.* 102 *et seq.*), l-espert Mario Buttigieg qal hekk (*a fol.* 120 *et seq.*): *"Illi minn naħa l-oħra Salvatore Attard kien ser jaqsam minn n-naħa tax-xellug għal-lemin hu niżel minn fuq il-bankina sabiex jaqsam it-triq. Illi l-esponent ma setgħax jikkonstata fejn kien sejjer peress li Attard miet ftit wara li seħħ l-inċident u qatt ma kien fi stat li jagħti x-xiehda tiegħu. Illi jidher li dak in-nhar tal-akkadut incident Salvatore Attard kien ser jaqsam minn n-naħa tal-linja għal fuq il-promenade. Mix-xhieda okulari u anki mix-xufier ġie stabilit li l-pedestrian qasam ftit metri 'l bogħod mill-pedestrian crossing, waqt li d-dawl kien għadu aħmar għal pedestrian. Illi Salvatore Attard għażel li jaqsam it-triq minn dan il-punt. Illi dan il-fatt jindika illi hawn il-vittma naqset serjament u għandu jiġi rikonoxxut illi jista' jkun hemm negliġenza kontributorja min n-naha tal-istess vittma. Illi waqt li kienet qed taqsam it-triq il-vittma sfat imtajra meta kienet diġa qassmet tlett kwarti ta' triq. Illi minn eżami u kalkoli magħmula mill-esponent ħareġ manifestament ċar li Joseph Piscopo kien qed isuq bejn erbgħa u erbgħin (44 kfs) sa tlieta u ħamsin (53kfs) kilometru fis-siegħa qabel seħħ l-impatt."*

- Illi quddiem l-Ewwel Qorti l-Prosekuzzjoni ressqet bħala xhieda tagħha lis-segwenti: l-Uffiċjal Prosekutur l-iSpettur Lara Butters, PS 309 Brian Xuereb, l-Espert Mario Buttigieg,

eks PC 1369 Joseph Camilleri, Stephen Cachia (in rappreżentanza ta' Transport Malta), Marquita Ellul (in rappreżentanta tas-soċjeta' Mapfre Middle Sea), u Leon Caruana.

Illi quddiem l-Ewwel Qorti **Leon Caruana** (*a fol.* 184 *et seq.*) xehed li kien passiġġier fil-vettura misjuqa mill-appellant allura imputat. Huwa qal li hu u l-appellant kienu sejrin lejn ix-xogħol u ftit wara l-*lights* ħareġ raġel bejn il-vetturi u l-ħadid. Jgħid li l-vittma kien qed jaqsam minn naħa tal-bini għal nofs it-triq. Huwa ma setax jiftakar eżatt f'liema karreġġjata kien. Hu qal li l-i*speed* tagħhom kien erbgħin jew ħamsa u erbgħin u jgħid li ma kienux qed isuqu b'ħafna *speed*. Jgħid li lanqas kienu raw lill-vittma ħiereġ u meta sema' d-daqqa ppanikkja. Wara mistoqsijiet mill-*parte civile*, ix-xhud qal li kienu għaddejin fuq il-karreġġjata ta' barra. Hu lil dan ir-raġel ma rah ġej minn imkien u nsista, wara mistoqsija mill-Ewwel Qorti, li qabel ma sema' d-daqqa ma kienx ra lir-raġel (*a fol.* 191).

- Illi quddiem l-Ewwel Qorti, id-difiża għamlet il-kontro-eżami ta' Stephen Raymond Cook u ta' Leon Caruana u bħala xhieda in difesa tressqu Emmanuel Gatt (li spjega kif jaħdmu t-*traffic lights* fl-inħawi) u l-Uffiċjal Prosekutur l-iSpettur Lara Butters.

**Ikkunsidrat**

Illi qabel tipproċedi ulterjorment ikun opportun li din il-Qorti tinnota li hawnhekk ninsabu fil-kamp kriminali u mhux fil-kamp ċivili. Fil-kamp kriminali dak li huwa rikjest huwa *"proof beyond reasonable doubt"*. Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer** mogħtija fil-5 ta' Diċembru 1997, il-Qorti tal-Appell Kriminali ċċitat l-ispjegazzjoni mogħtija minn **Lord Denning** fil-każ **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni *"proof beyond a reasonable doubt"* fejn ingħad is-segwenti:

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Illi, apparti minn dan, huwa ben stabbilit fil-ġurisprudenza tagħna li hemm responsabiltajiet dwar użu tat-toroq imposti kemm fuq is-sewwieqa kif ukoll fuq il-*pedestrians*.

Illi kull sewwieq għandu l-obbligu li jżomm 'l hekk imsejjaħ *proper look out*. Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Roderick Debattista** (Numru 18/2004) mogħtija fis-26 ta' Mejju 2004, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Bħalma qalet din il-Qorti diversament preseduta presjeduta fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Noel Gauci** deċiż fil-25 ta' Marzu 2004:
>
> *"Ġie appropositu ritenut li 'hu dover ta' driver <u>to see what is in plain view</u>' (Appell Kriminali: **Il-Pulizija vs. Joseph Vella** [10.8.1963] u li 'min ma jarax dak li raġonevolment għandu jara jfisser li ma kienx qed iżomm <u>a proper lookout</u>' Appell Kriminali: **Il-Pulizija vs J.M. Laferla** [17.6.1961]. Illi fi **Newhaus N.D. vs. Bastion Insurance Co. Ltd.** (1968), il-Qrati Ingliżi kienu rritenew li:*
>
> *"Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead – **it includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well**" (emfasi tal-Qorti.""*

Illi dwar l-obbligu tal-*pedestrian*, fis-sentenza mogħtija fl-14 ta' Mejju 1955 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Alfred Caruana**, il-Qorti tal-Appell Kriminali stabbilit is-segwenti:

> "Il-*pedestrian* għandu ċertament drittijiet fiċ-ċirkolazzjoni tat-traffiku imma għandu ukoll l-obbligi. Jekk il-*pedestrian* ikun qiegħed ruħu f'post fejn mhux suppost ikun, u *driver* li jkun qed isuq karozza b'mod regolari jsib ruħu f'pożizzjoni ta' emergenza subitanea minħabba fih, dak id-*driver* ma għandux jiġi ritenut ħati ta' sewqan perikoluż u tal-konsegwenzi li jista' jsofri dak il-*pedestrian."*

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Formosa** mogħtija fl-4 ta' April 1959, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Il-*pedestrian*, għalkemm għandu d-dritt li jkun fil-karreġġjata biex jaqsam, ċertament għandu wkoll id-dover li juża prudenza biex jaqsam "*with reasonable dispatch*". Aktar u aktar teħtieġ din l-attenzjoni tal-*pedestrian*, meta *si tratta* ta' "*uncontrolled crossing*"."

Illi l-Qrati tagħna huma ċari u univoċi fuq il-materja li sewwieq iżomm *a proper lookout* u ta' neġligenza kontributorja meta jiġu għal decizjonijiet fuq ġrieħi kawżati minn inċidenti tat-traffiku. Hekk, per eżempju, ġiet ritenut fis-sentenza mogħtija fit-12 ta' Frar 2009 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Ġużeppi Bilocca** (Numru 273/2008), fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi dan hu każ ta' investiment ta' *pedestrian*. Illi ġie ritenut *in subiecta materia* illi l-*pedestrian* għalkemm għandu dritt ikun fil-karreġġjata biex jaqsam, ċertament għandu wkoll id-dover li juża prudenza biex jaqsam. Jekk il-*pedestrian* ikun negliġenti pero', dan ma jassolvix lid-*driver* tal-car milli juża dak il-grad ta' *reasonable care* li tinħtieġ. Dana kollu jingħad sakemm ma tkunx ġiet mill-*pedestrian* krejata lid-*driver*, bl-imprudenza tiegħu, emerġenza subitanea imprevedibbli, li rrendiet

impossibbli, jew mhux raġonevolment possibbli, azzjoni evażiva tempestiva (ara Appell Kriminali: **Il-Pulizija vs. J. Formosa**, Vol. XLIII. P.iv p.1023). F'sentenzi oħra umbagħad, ġew elaborati sitwazzjonijiet fejn din l-emerġenza subitanea tavverra ruħha, e.g. *"meta jaqsam f'daqqa w jissorprendi lill-konduċent jew jagħmel xi moviment insolitu w inaspettat"* (App. Kriminali: **Il-Pulizija vs. J. Thornton**, Vol. XLV. P.iv. p.920) jew meta *"pedestrian jinżel inaspettatament minn fuq il-bankina, jew li jaqsam jew jitfaċċja għall-għarrieda minn wara xi car ieħor; jew li joħroġ minn xi kurva fit-triq; jew li jitfaċċja għall-għarrieda w inaspettatament quddiem il-karozza"* (App. Kriminali: **Il-Pulizija vs. Cassar Desain** Vol. XLVI. P.iv. p.765).

Mill-banda l-oħra pero', ġie wkoll ritenut li *driver* ma jistax jissolleva b'suċċess id-difiża tas-*sudden emergency* meta l-emerġenza ikun ħoloqha hu (App. Kriminali: **Il-Pulizija vs. Capt. A. Gera** [13.12.1968]). Dan għaliex f'każ simili d-*driver* ikun qiegħed isofri minn *self inflicted incapacity* effett tas-sewqan ħażin tiegħu anteċedenti jew konkomitanti.

[...]

Illi ġie mbaghad dejjem ritenut li f'sede kriminali kull sewwieq iwieġeb għall-aġir tiegħu indipendentement minn dak li jagħmel ħaddieħor, *ammenoché* dak li jiġri ma jkunx dovut unikament u esklużivament għall-ħtijiet da parti ta' ħaddiehor. (App. Kriminali: **Il-Pulizija vs. Gaetano Schembri** [16.3.1961]; **Il-Pulizija vs. John Polidano** [3.11.1963]; **Il-Pulizija vs. Rev. C. Mifsud** [Kollez Vol. XXXVII. p.iv. p.1131] u oħrajn). Dana għaliex il-*contributory negligence* ma teżonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawża unika tas-sinistru. (Vol. XXXVIII, p.IV. p.883)."

**Ikkunsidrat**

Illi din il-Qorti tinnota li r-rwol tagħha huwa dak li tara jekk l-Ewwel Qorti setgħetx raġonevolment u legalment tasal għad-deċiżjoni li waslet għaliha. F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li ngħad fis-sentenza mogħtija fil-31 ta' Lulju 2008 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Julian Genovese** (Numru 141/2008) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi l-ewwel tlitt aggravji jirrigwardaw l-apprezzament tal-provi traskritti li għamlet l-ewwel Qorti. Issa hu prinċipju ormaj stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-każ ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll fil-każ ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha."

Illi għal dik li hija duttrina dwar l-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-appellant allura imputat, liema imputazzjoni tirrigwarda omiċidju involontarju, din il-Qorti tagħmel riferenza għal sentenza mogħtija fis-26 ta' Marzu 1998 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Tarcisio Fenech** fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Din il-Qorti diġà kellha l-opportunita' li teżamina fil-fond in-natura u l-elementi tar-reat ta' omiċidju involontarju fis-sentenza tagħha tal-21 ta' Marzu, 1996 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Richard Grech**. F'dik is-sentenza din il-Qorti kienet osservat hekk:
>
> > "L-omiċidju kolpuż hu trattat fil-liġi tagħna fl-Artikolu 225 tal-Kodiċi Kriminali, ġa' l-Artikolu 239 fl-Edizzjoni ta' l-1942 ta' dak il-Kodiċi. Fis-sentenza tagħha ta' l-4 ta' Frar, 1961 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Perit Louis Portelli**, il-Qorti Kriminali sedenti l-kompjant Imħallef Joseph

> Flores, kienet esprimiet ruħha b'dan il-mod a rigward ta' dan ir-reat:
>
> "Hu meħtieġ għall-kostituzzjoni tar-reat involontarju skont l-Artikolu 239 tal-Kodiċi Penali, illi tirrikorri kondotta volontarja neġliġenti – konsistenti <u>ġenerikament</u> f'nuqqas ta' ħsieb ("imprudenza"), traskuraġni ("negliġenza"), jew ta' ħila ("imperizja") fl-arti jew professjoni jew konsistenti <u>speċifikament</u> f'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti – li tkun segwita, b'ness ta' kawżalita', minn event dannuż involuntarju. Għandu jiġi premess illi, għall-aċċertament tal-ħtija minħabba f'kondotta negliġenti, għandu jsir il-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma' dik ta' persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-*bonus pater familias*, dik il-kondotta ċjoè illi fil-każ konkret kienet tiġi użata minn persuna ta' intelliġenza, diliġenza u sensibilita' normali, kriterju dan li filwaqt li jservi ta' gwida oġġettiva għall-ġudikant, iħallih fl-istess ħin liberu li jivvaluta d-diliġenza tal-każ konkret". (Kollez. Deċiż Vol. XLV.IV.870, 903 enfasi ta' din il-Qorti).

Kif jispjega l-ġurista Taljan Francesco Antolisei, biex wieħed jifhem l-essenza vera tal-kolpa wieħed irid iżomm f'moħħu li fil-ħajja soċjali spiss jinħolqu sitwazzjonijiet li fihom attivita' diretta għal xi fini partikolari tista' tagħti lok għal konsegwenzi dannużi lil terzi. L-esperjenza komuni jew dik l-esperjenza teknika – ċioè l-esperjenza komuni għall-bnedmin kollha jew dik l-esperjenza ta' kategorija ta' nies li jesplikaw attivita' partikolari – tgħallem li f'dawn il-każijiet wieħed għandu juża ċerti prekawzjonijiet bil-għan li jevita li l-interessi tal-oħrajn ikunu ppreġudikati:

*"Sorgono per tal modo"*, ikompli dan l-awtur, *"delle regole di condotta. Spesso si tratta di semplici usi sociali, come, per es., quello per cui il possessore di un'arma da fuoco é tenuto a scaricarla quando la depone in un luogo frequentato. Non poche volte interviene lo Stato od altra' autorita' pubblica o privata a fissare queste regole, disciplinando determinate attivita', piu' o meno pericolose, in modo da prevenire, per quanto é possibile, conseguenze nocive per terzi...Il reato colposo nasce sempre e soltanto dall'inosservanza di talune delle norme indicate. L'infrazione giustifica nei confronti dell'agente un rimprovero di leggerezza. Il giudice dice all'imputato: tu non sei stato cauto e diligente come avresti dovuto. Il rimprovero, cosi' formulato é la conseguenza caretteristica del reato colposo, perché nel reato doloso il giudice rimprovera al reo di aver voluto il fatto proibito, mentre nel fatto incolpovole (il c.d. caso fortuito) nessun biasino puo' muoversi all'agente. Riteniamo, pertanto, che l'essenza della colpa debbe ravvisarsi nella inosservanza di norme sancite dagli usi o espressamente prescritte dalle autorita' allo scopo di prevenire eventi dannosi"* (Antolisei, F. Manuale di Diritto Penale, Parte Generale, Giuffré (Milano), 1989, pp. 322-323);

Din il-Qorti taqbel perfettament ma' din l-espożizjoni. Infatti l-Artikolu 225 tal-Kodiċi Kriminali jirreferi għar-regoli ta' kondotta derivati mill-esperjenza komuni jew teknika bil-kliem "nuqqas ta' ħsieb", "traskuraġni," u "n-nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni", filwaqt li dawk ir-regoli ta' kondotta statutorjament stabbiliti huma indikati bil-kliem "nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti". Hu appena neċessarju jingħad li b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti l-leġislatur mhux qed jirreferi biss għal-leġislazjoni sussidjarja (li tiġi fis-seħħ permezz ta' avviżi legali, notifikazzjonijiet tal-Gvern, ordnijiet eċċ.), iżda għal kull forma ta' kondotta stabbilita u għalhekk qed jirreferi wkoll għal dawk ir-regolamenti promulgati minn enti privati (per eż. ir-regolamenti mfassla minn sid ta' fabbrika biex jipprevjeni ħsara għal kull min

jaħdem jew jidħol f'dik il-fabbrika). In fatti, kemm fil-*Codice Zanardelli* kif ukoll fil-*Codice Rocco*, l-espressjoni użata hi *"inosservanza di leggi, regolamenti, ordini o discipline"*. Il-Qorti tikkonkludi fuq dan il-punt billi tissottolinea li anke fil-każ ta' nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, l-essenza tal-kolpa hi l-istess bħala fil-każ ta' nuqqas ta' ħsieb, traskuraġni jew imperizja. In-nuqqas ta' osservanza ta' regoli stabbiliti minn xi awtorita' għat-tħaris ta' terzi tammonta għal negliġenza jew imprudenza, il-għaliex huwa ċertament imprudenti jew negliġenti mhux biss min jittraskura li jieħu dawk il-prekawzjonijiet indikati mill-esperjenza ordinarja tal-ħajja, iżda wkoll min jittraskura li josserva l-prekawzjonijiet <u>speċifikament</u> preskritti minn xi awtorita'";

U din il-Qorti, f'dik il-kawża kienet kompliet:

"Kif jispjega l-ġurista Francesco Carfora (<u>Digesto Italiano</u>, Vol. 7, Parte 2, V. *Colpa* (*materia penali*), *Diritto Vigente*, p. 775), jekk il-prudenza tikkonsisti f'illi persuna tagħmel dak li hu raġonevolment mistenni minnha sabiex tipprevjeni l-konsegwenzi dannużi ta' għemilha, l-imprudenza, li hi n-negazzjoni ta' din il-virtu', tikkonsisti f'illi wieħed jagħmel avventatament dawk l-affarijiet li hu messu ppreveda li setgħu jikkaġunaw ħsara. It-traskuraġni, mill-banda l-oħra, timplika ċerta non-kuranza, ċertu abbandun kemm intellettiv kif ukoll materjali. Fiż-żewġ każijiet, pero', il-ħsara tkun <u>prevedibbli</u> għalkemm <u>mhux prevista</u>; kieku kienet ukoll prevista, wieħed ikun qiegħed fil-kamp doluż b'applikazzjoni tad-dottrina ta' l-intenzjoni pożittiva indiretta"."

Illi filwaqt li din il-Qorti tagħmel tagħha dak hawn fuq iċċitat, hija ser tgħaddi issa sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant huwa dwar il-kredibilita' tax-xhud Stephen Raymond Cooke. Jgħid li Cooke ma qabilx preċiż fiż-żewġ verżjonijiet tiegħu meta spjega minn fejn ħareġ il-vittma u li dan mhux talli ma jimminax il-kredibilita' tax-xhud, anzi jsaħħaħ il-veraċita' tad-depożizzjoni tiegħu. Jisħaq li jidher ċar li x-xhud ma kienx *scripted* u li l-ineżattezzi tiegħu kienu żgħar. Jgħid li wieħed ma jistax jgħid li x-xhud mhux kredibbli minħabba l-mod kif huwa ddeskriva t-triq għaliex din hija ħaġa suġġettiva ħafna. Jargumenta li Cooke ma għandux jitqies mhux kredibbli għaliex huwa nnota l-brejk marks waqt li l-esperti qalu li ma sabux brejk marks u dana peress li Cooke seta' kien qed jiftakar xi brejk mark li kienet ħalliet xi vettura oħra. Jgħid li hu (l-appellant) ma għamilx *hit and run* imma waqaf u allura kellu jagħfas il-brejk. Jisħaq li l-komportament tax-xhud fuq il-pedana tax-xhieda meta ttenta jagħti xi opinjoni ma jfissirx li mhux kredibbli u li l-Ewwel Qorti setgħet skartat l-opinjonijiet għaliex ix-xhud mhux espert. Jgħid li l-*parte civile* kellu kull ċans li jagħmel il-mistoqsijiet lil dan ix-xhud imma llimita ruħu għal-liwja tat-triq u kemm għola 'l fuq il-vittma. Jagħlaq billi jgħid li Cooke kellu jkun emmnut.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tinnota li l-Ewwel Qorti ma skartatx id-depożizzjoni ta' Stephen Cooke. Fil fatt, fis-sentenza appellata jingħad hekk (*a fol.* 292):

> "Illi dwar kif u minn fejn qasam Salvatore Attard il-Qorti tista' tistrieħ biss fuq id-depożizzjoni ta' l-imputat u sa ċertu punt ta' Stephen Cook."

Illi l-fatt li l-Ewwel Qorti nnutat xi inkonsistenzi bejn x'intqal fl-Inkjesta Maġisterjali u waqt is-smigħ tal-kawża ma jfissirx li l-Qorti msemmija njorat dak li xehed Stephen Cooke. Hija semmiet il-fatt l-aktar importanti meta qalet (*a fol.* 292 *et seq.*):

> "L-imputat jgħid li hu lil Attard rah ħiereġ minn bejn is-siġar u l-ħadid, u għalhekk mhux minn fuq il-*pedestrian*

> *crossing*. Stephen Cook qal li meta hu rah l-ewwel darba lil Attard dan kien diġa' fit-triq u li kien xi erba' jew ħames piedi 'l bogħod mill-*pedestrian crossing* u kien qed jaqsam djagonalment."

Illi fil-kors tal-kawża dan huwa l-aktar punt importanti – jiġifieri li l-vittma seta' qasam mill-*pelican lights* li kienu fil-viċin.

Illi punt ieħor importanti huwa li d-dawl kien aħdar għall-vetturi u aħmar għall-*pedestrians*. L-Ewwel Qorti terġa' ssemmi kemm lill-appellant allura imputat u kif ukoll lil Cooke dwar dak li qalu dawn ix-xhieda u l-Qorti aċċettat dak li qalu kemm l-appellant kif ukoll Cooke. Anzi kkonkludiet hekk (*a fol.* 293): *"għalhekk x'ħin qasam Attard, ftit metri 'l bogħod mill-pedestrian crossing, id-dawl kien aħmar."*

Illi s'intendi saru kostatazzjonijiet oħra dwar fejn waqfet il-vettura, fejn waqa' il-vittma, fejn instab id-demm u r-roqgħa demm u fejn instab in-nuċċali tal-vittma. Dawn ġew użati biex il-Qorti ssaħħaħ dak li qalu ż-żewġ xhieda. Għalhekk l-ewwel aggravju tal-appellant qed ikun miċħud peress li jirriżulta b'mod ċar li l-Ewwel Qorti użat proprju x-xiehda ta' Cooke dwar il-punti l-aktar kruċjali: li l-vittma waqa' ftit 'il bogħod mill-*pelican lights* u li d-dawl kien aħdar għall-vetturi u aħmar għall-*pedestrians*.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti hija tal-fehma li tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar it-tieni u t-tielet aggravju flimkien peress li huma konnessi.

Illi t-<u>tieni aggravju</u> tal-appellant huwa dwar in-nuqqas ta' responsabilita' kriminali tiegħu għall-inċident. Jisħaq li l-Ewwel Qorti ma setgħetx issib ħtija abbażi tal-provi li kellha quddiemha u li kemm hu kif ukoll Stephen Cooke jgħidu li d-dawl kien aħdar u li l-vittma kien qed jaqsam meta d-dawl kien aħmar u hu (l-appellant) ġietu x-xemx f'għajnejh. Jgħid li l-vittma kien niżel fil-post ħażin u meta ra l-vettura għamel kalkolu ħażin. L-appellant jikkwota parti mis-sentenza appellata u jissottometti li x-xiehda ta'

Stephen Cooke hija xhieda kjavi u li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta ma tatx każ tal-effett tax-xemx f'għajnejh (f'għajnejn l-appellant). Jgħid li ma setax inaqqas il-veloċita' f'żona fejn wieħed ikun għadda l-*pelican lights* u l-vetturi jaċċelleraw u li jekk jagħmel hekk il-vetturi jistgħu jidħlu ġo xulxin. Jixhed li kien imiss lill-vittma li jħalli l-vetturi jgħaddu u li dan huwa dak li jitlob il-*Highway Code* mill-*pedestrian* li f'dan il-każ kien negliġenti.

Illi fl-istess aggravju in eżami, l-appellant jgħid li għal dik li hija *foreseeability*, l-Ewwel Qorti kellha tqis li hu kien ostakolat mix-xemx u għalhekk ma setax jara lill-vittma. Jgħid li jidher ukoll li l-espert Mario Buttigieg ikkalkula d-distanza bejn il-vittma u l-vettura tiegħu (tal-appellant) ħażin. Jisħaq li dan ma qabilx mad-distanzi li kkonstata l-Perit Richard Aquilina u li għalhekk il-prova dwar il-veloċita' mhijiex ta' min jistrieħ fuqha. Għal dik li hija *proper look out*, jgħid li l-verżjoni tiegħu turi li kien hemm livell għoli ta' attenzjoni li tinkludi viżjoni periferali tat-triq kollha.

Illi t-tielet aggravju tal-appellant huwa intitolat "emerġenza subitanea". F'dan l-aggravju appena msemmi, l-appellant jgħid li l-Ewwel Qorti ddikjarat li ma kienx hemm emerġenza subitanea u hawn jirreferi għal dak li qalet l-Ewwel Qorti. Jgħid li l-konklużjoni tal-Ewwel Qorti titfa' l-piż fuq il-fattur li Attard kien laħaq qasam it-triq kollha meta ttajjar imma jissottometti li l-fattur importanti kien li l-vittma għaġġel il-pass meta kien qabeż l-ewwel parti tat-triq. Jgħid li ebda xufier ma jista' jipprevedi dan. Jgħid li l-Ewwel Qorti straħet ħafna fuq il-veloċita' preżunta minnha stess meta din kellha tiġi kkalkulata mill-espert nominat. Jgħid li barra dan hemm ix-xiehda tiegħu (tal-appellant) li kien qed isuq u tali kalkolu huwa suġġettiv. Jisħaq li l-Ewwel Qorti ssostni li hu (l-appellant) kellu jnaqqas il-veloċita' imma l-ebda sewwieq ma jista' jipprevedi x'ser jagħmel il-*pedestrian* speċjalment jekk hux ser jieħu riskju. Jgħid li l-inċident huwa r-riżultat tal-effett tax-xemx u tal-mod mhux mistenni kif niżel il-vittma minn fuq il-bankina u li għalhekk l-inċident ġara minħabba l-manuvra li għamel il-vittma.

Illi din il-Qorti tinnota li t-tieni aggravju tal-appellant huwa dwar in-nuqqas tar-responsabilita' kriminali tiegħu. Din il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li ngħad fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Tarcisio Fenech** li ġiet ikkwotata aktar 'il fuq f'din is-sentenza. Ma' dan din il-Qorti żżid tgħid li ma hemm l-ebda dubju li l-vittma kkontribwixxa bil-kbir għall-inċident li seħħ meta qasam mingħajr ma uża l-*pelican lights*. Iżda meta jitqies dan kollu jibqa' l-fatt li jrid ikun indagat jekk il-vittma kienx il-kawża kollha ta' dak li ġara. Hawn il-Qorti tirreferi għal dak li xehed fl-Inkjesta Maġisterjali l-appellant wara li kien irrifjuta li jkellem avukat ta' fiduċja tiegħu. L-appellant qal li meta wasal ħdejn il-*pedestrian crossing* huwa kien għaddej b'veloċita' normali u ċioè dik bejn l-40km.f.s. u l-50km.f.s.. Jgħid li dak il-ħin kellu x-xemx f'għajnejh. L-appellant jixhed hekk (*a fol.* 110):

> "Jiena rajtu jaqsam minn bejn is-siġar u l-ħadid minn n-naħa tax-xellug tiegħi. Jiena rajtu jimxi meta hu kien fuq il-bankina u niżel għal ġo triq. Għalkemm jiena ma waqqaftx il-vettura għax hu kien li ried jieqaf waqt li jiena kelli nibqa' għaddej peress li d-dawl għalija kien aħdar."

Illi minn din is-silta jirriżulta ċar, u dan għaliex l-appellant jgħidha darbtejn, li l-appellant kien ra lill-vittma. B'hekk ifisser li mhux il-każ li hu ma rax il-vittma għaliex kellu x-xemx f'għajnejh. Imbagħad iżid jgħid li hu kellu d-dritt jibqa' għaddej għaliex id-dawl kien aħdar għas-sewwieqa. Minn dan din il-Qorti tikkonkludi li l-appellant kien ra lill-vittma jaqsam u ma setax jirraġuna li għaliex id-dawl kien aħdar huwa jibqa' għaddej. Huwa proprju dan il-*proper look out* li jrid ikollu kull sewwieq u f'din il-parti tat-triq li n-nies jużaw ħafna, aktar u aktar ma tistax tittieħed l-attitudni li tista' tibqa' għaddej għaliex id-dawl kien aħdar u kellu jieqaf il-vittma. F'dan il-każ is-sewwieq kien ra lill-vittma jinżel ġot-triq u għalhekk is-sens komun huwa li wieħed għandu joqgħod attent li din il-persuna ser taqsam ukoll jekk ma kinitx qed taqsam minn fejn suppost. Dawn huma proprju dawk l-inċidenti li jinqalgħu u li ġew imsemmija fis-silta prodotta aktar 'il fuq fejn wieħed qed jeżerċita dritt imma jrid joqgħod attent

xorta waħda għaliex dejjem jista' jkun hemm xi aġir ta' persuni li wieħed irid jantiċipah. Il-ħsara hawn kienet prevedibbli. Barra dan meta sewwieq ikun fil-qrib ta' *pedestrian crossing*, dan għandu jnaqqas u mhux bilfors li għandu l-jedd fl-*ispeed limit* possibbli.

Illi b'żieda ma' dak li ngħad hawn fuq, din il-Qorti tinnota li mill-provi jirriżulta illi l-vittma kien kważi qasam it-triq kollha meta ttajjar. Il-ħsara fuq il-vettura kienet fin-naħa tal-lemin tal-parti ta' quddiem tagħha u kienet qed tinstaq fil-karreġġjata tal-lemin. Ġialadarba Attard ittajjar proprju fl-aħħar tal-wisa' tat-triq isegwi li l-appellant kellu ċans biżżejjed biex jarah kieku kien qed isuq bil-prudenza. Apparti minn dan, jirriżulta li bid-daqqa l-vittma tar diversi metri wara li kien ħabat mal-*bonnet*. Meħud in konsiderazzjoni dan kollu, inkluż ukoll dak li xehed l-appellant fl-Inkjesta Maġisterjali, din il-Qorti tikkonkludi li s-sewqan tal-appellant kien aktar minn dak permissibbli f'dik il-lokalita'.

Illi din il-Qorti ma tistax tistrieħ fuq dak li xehed Leon Caruana. Għandu jingħad li l-Ewwel Qorti nnutat li waqt li kien qed jixhed dan beda jħares lejn l-appellant ħa jara x'ser jgħid u hawn l-Ewwel Qorti kienet f'pożizzjoni aħjar biex tara jekk dan ix-xhud kellux ikun emmnut jew le għax ratu u semgħetu. Barra dan hemm inkonsistenzi f'dak li jgħid li jwassal biex min irid jiġġudika ma jistax jistrieħ fuq dak li qed jgħid hu. Għalhekk, din il-Qorti qed tiddeċiedi li s-sinistru ma seħħx għal kollox minħabba l-aġir tal-vittma għal dak li jirrikjedi Artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi għal dak li jirrigwarda t-tieni (2) imputazzjoni, is-sentenzi ta' din il-Qorti ddistingwew bejn sewqan traskurat, sewqan bi traskuraġni kbira u sewqan perikoluż. Din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-20 ta' Frar 2007 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Michael Grech** (Numru 362/2006) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Kif ġie ritenut minn din il-Qorti ripetutament u kif intqal fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Alfred Mifsud**

deċiż fis-6 ta' Mejju 1997 (Vol. LXXXI.iv.157), din il-Qorti diversament presjeduta qalet:

> "Sewqan traskurat (*negligent driving*) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilħaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq raġonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bħala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jinċidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll għal sewqan traskurat. Sewqan bla kont hu deskritt fis-subartikolu (2) ta' l-imsemmi Artikolu 15 bħala sewqan 'bi traskuraġni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jiġifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuraġni tkun kbira u tinkludi l-każijiet fejn wieħed deliberatament jieħu riskji fis-sewqan li m'għandux jieħu minħabba l-probabbilita' ta' ħsara li tista' tirriżulta lil terzi, kif ukoll każijiet fejn wieħed ikun indifferenti għal tali riskji. Sewqan perikoluż (*dangerous driving*) jirrikjedi li fil-każ partikolari s-sewqan kien ta' perikolu għal terzi jew għall-proprjeta' tagħhom. Biex wieħed jiddeċiedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wieħed irid jara ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, inklużi l-ħin u l-lokalita' ta' l-inċident u l-presenza o meno ta' traffiku ieħor jew ta' nies għaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'każ partikolari jista' jaqa' taħt tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta' sewqan, f'liema każ japplikaw id-disposizzjonijiet tal-liġi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Għall-finijiet ta' piena l-leġislatur poġġa s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluż fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriż u involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dak ta' sewqan

> perikoluż (ara **The Police vs. Charlotte Chamberlain**, Appell Kriminali, 21/5/96)".

U kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Mario Gellel** deċiż fid-19 ta' Frar 2004:

> "... kif ġie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negliġenti, jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluż hi kwistjoni ta' '*degree*' (App. Krim. **Pul. vs. Charles Bartolo**, 14.3.59, **Pol. vs. Wilson** [Vol. XXXIX iv. 1018] u **Pul. vs. Alfred Vella** [Vol. XLIV, p. 933]) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta' tagħhom (App. Krim. **Pul. vs. Hardingham**, 19.10.1963). Ġie wkoll ritenut li biex jintegra ruħu r-reat ta' sewqan perikoluż, hemm bżonn ta' ċertu grad ta' '*recklessness*' (App. Krim. **Pul. vs. Charles Farrugia** [Vol. XXXIX iv.9 78]). *'Recklessness'* ġiet definita bħala *'wilfully shutting one's eye'* (App. Krim. **Pul. vs. Joseph Aquilina**, 20.4.1963). Inveċe sewqan negliġenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wieħed għandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim. **Pul. vs. Antonio Spiteri** [Vol. XLIV iv. 892])"."

Illi filwaqt li din il-Qorti tagħmel tagħha dak hawn fuq ikkwotat, hija tirreferi għal dak li qal l-appellant stess fl-Inkjesta Maġisterjali. Jirriżulta li huwa kien qed jara bniedem għaddej u li għalih l-aktar ħaġa importanti kienet li d-dawl kien aħdar. M'hemmx dubju li dan kien sewqan perikoluż u b'hekk kienet korretta l-Ewwel Qorti meta sabet ħtija fl-appellant taħt it-tieni (2) imputazzjoni.

Illi, tenut kont ta' dak li ngħad hawn fuq, it-tieni u t-tielet aggravju tal-appellant qed ikunu miċħuda.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-<u>raba' aggravju</u> tiegħu l-appellant jargumenta li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti hija sproporzjonata. Jgħid li għandu fedina penali netta u jagħmel riferenza għal diversi sentenzi fejn kien hemm involuta l-mewt tal-vittma minħabba inċident tat-traffiku u ma ngħatatx pina ta' priġunerija effettiva.

Illi fir-rigward ta' dan l-aggravju din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-20 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Wajdi Lazhir Benhamed** (Numru 386/2022) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "10. Issa, għal dak li jirrigwarda appelli minn piena, huwa paċifiku li sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, irid jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. [...]
>
> 11. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha."

Illi meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad hawn fuq u peress li din il-Qorti jidhrilha li f'dan il-każ il-vittma kkontribwixxa sew għall-inċident tat-traffiku in kwistjoni, b'hekk l-aggravju in eżami ser ikun milqugħ b'dan illi din il-Qorti ser tvarja l-piena erogata mill-Ewwel Qorti fis-sens illi minn sentenza ta' priġunerija effettiva ser tibdilha għal sentenza ta' priġunerija t-terminu ta' liema ser ikun sospiż. Apparti minn dan u għall-istess raġuni msemmija, din il-Qorti ser tnaqqas it-terminu mpost mill-Ewwel Qorti fir-rigward ta' skwalifika tal-liċenzja tas-sewqan tal-appellant.

Illi din il-Qorti tagħmel tagħha l-insenjament tas-sentenza mogħtija fid-19 ta' Diċembru 2012 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Adrian**

**Montanaro** (Numru 453/2011) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Naturalment din il-Qorti ma tistax timminimizza r-reat in kwistjoni. Huwa veru li s-sentenza ta' priġunerija ġiet sospiża iżda, bħalma ntqal fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Maurice Agius** mogħtija fit-13 ta' Novembru 2009, *"is-sentenza ta' priġunerija sospiża mhix, kif jaħsbu xi wħud, a let off jew sempliċement a slap on the hand. Min ikun ġie kkundannat għal piena ta' priġunerija sospiża jrid ikun, matul il-perijodu operattiv tagħha, kif jgħid il-Malti, 'imqarar u mqarben', għax appena huwa, matul dak il-perijodu, jikkommetti xi reat ieħor li għalih hemm stabbilita piena ta' priġunerija, meta jinstab ħati ta' dak ir-reat l-ieħor tiġi attivata l-piena ta' priġunerija li tkun ġiet hekk sospiża, u dak li jkun ikollu allura jibda jiskontaha.""*

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' *in parte* l-appell imressaq mill-appellant Joseph Piscopo u tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi:

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn *ai termini* ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-appellant ġie kundannat iħallas lir-Reġistratur is-somma ta' elfejn u erba' Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2004.37) rappreżentanti spejjeż inkorsi in konnessjoni mal-ħatra ta' esperti;

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant ġie kkundannat sitt (6) xhur priġunerija u fejn ġie skwalifikat minn kull liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' ħames (5) snin u minflok tikkundanna lill-appellant għall-

perjodu ta' sitt (6) xhur priġunerija li b'applikazzjoni ta' Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed jiġu sospiżi għal perjodu ta' sentejn u tiskwalifikah milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien ta' tliet snin, liema skwalifika tibda tgħodd minn nofs il-lejl u minuta ta' għada fil-għodu.

Finalment, il-Qorti twissi lil ħati bil-konsegwenzi skont il-liġi jekk huwa jikkommetti reat ieħor matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**